

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Skatteverket

Konvenuta: Memira Holding AB

**Domandi preliminari**

- 1) Fl-evalwazzjoni dwar jekk telf fkumpannija sussidjarja fi Stat Membru ieħor huwiex definitiv skont it-tifsira mogħtija, *inter alia*, fil-każ ta' A, u l-kumpannija parent tista' għalhekk tnaqqas it-telf fuq il-bażi tal-Artikolu 49 TFUE, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li, taħbi ir-regoli tal-Istat li fih tinsab is-sussidjarja, hemm restrizzjonijiet fuq il-possibbiltà li jitnaqqas it-telf għall-partijet minbarra l-parti nnifisha li għamlet it-telf?
- 2) Fil-każ li restrizzjoni bħal dik imsemmija fid-domanda nru. 1 għandha tittieħed inkunsiderazzjoni, għandu jitqies jekk, fil-każ inkwistjoni, hemmx parti oħra fl-Istat li fih tinsab is-sussidjarja li setgħet naqqset it-telf li kieku dan kellu jkun permess hemmhekk?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Högsta förvaltningsdomstolen (l-Isvezja) fl-24 ta' Ottubru 2017 – Skatteverket vs Holmen AB**

(Kawża C-608/17)

(2018/C 005/32)

Lingwa tal-kawża: l-Isvediż

**Qorti tar-rinviju**

Högsta förvaltningsdomstolen

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Skatteverket

Konvenuta: Holmen AB

**Domandi preliminari**

- 1) Id-dritt li jirriżulta minn, fost oħrajn, is-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2005, Marks & Spencer (C-446/03, EU:C:2005:763), għal kumpannija parent stabbilita fi Stat Membru li, abbażi tal-Artikolu 49 TFUE, tnaqqas it-telf definitiv ta' sussidjarja stabbilita fi Stat Membru ieħor, jippreżupponi li s-sussidjarja tkun miżmura direttament mill-kumpannija parent?
- 2) Għandha wkoll titqies bħala definitiva l-parti ta' telf li, minħabba l-leġiżlazzjoni tal-Istat tas-sussidjarja, ma setgħetx issir tpaċċija tagħha mal-profitti mwettqa f'dan l-Istat matul sena partikolari, iżda, minflok, setgħet tiġi posposta sabiex tkun tista' eventwalment titnaqqas f'sena fil-futur?
- 3) Fl-evalwazzjoni ta' jekk telf huwiex definitiv, għandu jittieħed kont tar-restrizzjonijiet, previsti mil-leġiżlazzjoni tal-Istat tas-sussidjarja, għall-possibbiltà għal entità li ma hijiex l-istess waħda li sostniet it-telf, li tnaqqas lil dan it-telf?
- 4) Jekk għandu jittieħed kont ta' restrizzjoni bħal dawk imsemmija fit-tielet domanda, għandu jittieħed kont tal-punt sa fejn ir-restrizzjoni effettivament kellha l-konsegwenza li ma setax ikun hemm tpaċċija ta' xi parti kwalunkwe mit-telf mal-profitti mwettqa minn entità oħra?